**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 25 ta' Settembru, 2018**

Numru 1

**Rikors Guramentat Nru. 735/2018**

**W. J. Parnis England Limited**

**vs**

**Hispanicmaltese Trading Import and Export Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tat-12 ta' Lulju 2018 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta attrici W. J. Parnis England Limited hija kumpannija registrata mar-Registru tal-Kumpanniji ta' Malta u ilha topera ghal hafna snin fl-industrija merkantili. Fost l-ohrajn hija toffri servizzi ta' twassil ta' merkanzija (freight forwarding) u senjatament timporta u tiddistribwixxi kimika tat-tindif (cleaning chemicals).

2. IIli s-socjeta konvenuta, kumpannija registrata mar-Registru tal-Kumpanniji ta' Malta b'indirizz registrat ta' G17, St. Anthony Street, San Gwann, kienet ingaggat is-servizzi tas-socjeta attrici ghall-konsenja ta' merkanzija, senjatament kimika tat-tindif (cleaning chemicals), sa minn tal-anqas is-sena elfejn u sbatax (2017), sa fejn jirrigwarda l-mertu ta' din il-kawza.

3. Illi s-socjeta konvenuta tinsab debitrici fil-konfront tas-socjeta attrici fis-somma totali ta' sittax-il elf u erbgha u disghin ewro u sebgha u disghin centezmu (€16,094.97) li tirrapprezenta prezz ta' merkanzija debitament konsenjata mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta.

4. Illi l-ammont dovut jirrizulta mill-istatement of outstanding invoices datat 22 ta' Gunju 2018, flimkien mal-fatturi relattivi, kopja hawn anness bhala dokument wiehed Dok. WJ1.

5. Illi s-socjeta konvenuta giet interpellata diversi drabi mis-socjeta attrici sabiex thallas l-ammont minnha dovut izda ghalkemm l-ammont dovut qatt ma gie b'xi mod ikkontestat, is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti.

6. Illi inoltri s-socjeta konvenuta harget pagament ta' elfejn seba' mija u sittax-il ewro u tmienja u sittin centezmu (€2,716.68) permezz ta' cekk tal-Bank of Valletta, cekk numru 004050 datat 5 ta' Gunju 2018, liema cekk ma ssarrafx u gie referred to drawer (kopja annessa bhala Dok. WJ2). Dan apparti cekk iehor tal-Bank of Valletta, cekk numru 004048 datat 5 ta' Lulju 2018 ukoll fil-valur ta' elfejn seba' mija u sittax-il ewro u tmienja u sittin centezmu (€2,716.68) (kopja annessa bhala Dok. WJ3).

7. Illi biex tikkawtela l-pretensjoni taghha s-socjeta esponenti ipprezentat u ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kontra s-socjeta konvenuta [mandat numru 1028/18) nhar it-22 ta' Gunju 2018.

8. Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ai termini tal-artikolu 167 sa 170 tal-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) stante illi il-kreditu mitlub huwa cert, likwidu u dovut u li fil-fehma tas-socjeta attrici s-socjeta konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti kontra l-hlas tal-imsemmi ammont.

Ghaldaqstant, is-socjeta attrici umilment titlob li, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

(i) Tisma u tiddeciedl skond it-talba bid-dispens tas-smigh tal-kawza a tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

(ii) Tiddikjara li s-socjeta konvenuta hija debitrici tas-socjeta attrici W. J. Parnis England Limited (C-399) fis-somma ta' sittax-il elf u erbgha u disghin ewro u sebgha u disghin centezmu (€16,094.97) li tirrapprezenta prezz ta' merkanzija debitament konsenjata mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta;

(iii) Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici l-imsemmija somma ta' sittax-il elf u erbgha u disghin ewro u sebgha u disghin centezmu (€16,094.97).

Bl-ispejjez gudizzjarji, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ipprezentat u akkordat nhar it-22 ta' Gunju 2018 (1028/18) u bl-imghaxijiet legali bl-oghla rata applikabbli ai termini tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta, mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv, kontra s-socjeta konvenuta li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti;

Rat li s-socjeta konvenuta giet debitament notifikata bil-procedura ta’ affissjoni u pubblikazzjoni pero ma dehritx ghas-seduta tad-19 ta’ Settembru 2018 biex tiggustifika ruhha jekk hemmx difiza tajba ghall-kawza, u kwindi l-istess socjeta konvenuta giet dikjarata fi stat ta’ kontumacja;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ta’ Nicholas Parnis England in rapprezentanza tas-socjeta attrici fejn bil-gurament tieghu ikkonferma li l-ammont pretiz huwa kollu dovut u ma thallas xejn minnu mis-socjeta konvenuta;

Rat li s-socjeta attrici iddikjarat li ma faddlihiex aktar provi, u li l-kawza giet differita ghas-sottomissjonijiet finali ghal 25 ta’ Settembru 2018 fejn la s-socjeta konvenuta u anqas id-difensur taghha ma dehru

Semghet it-trattazzjoni tad-difensur tas-socjeta attrici;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Decide**

Billi mill-atti u xiehda prodotta t-talbiet attrici jidhru gustifikati u ippruvati permezz tad-dokumenti esebiti u ma saret ebda oppozizzjoni valida, il-Qorti qed tiddisponi mill-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjetat attrici s-somma ta' sittax-il elf u erbgha u disghin ewro u sebgha u disghin centezmu (€16,094.97) li tirrapprezenta prezz ta' merkanzija debitament konsenjata mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali bl-oghla rata applikabbli ai termini tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta, mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur